MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Numru. 273/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann Fenech**

**VS**

**Joseph Spiteri, iben Carmelo u Maria Anna nee' Barbara, imwieled Zejtun nhar l-14 ta' Ottubru, 1962, residenti fil-fond Block 29, Flat 20, Triq il-Qrenpuc, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' numru 668562M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Spiteri** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-31 ta' Marzu, 2008 u f'dawn l-ahhar sitt xhur qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga heroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt(6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament Numru 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specififikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament Numru 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

4. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

5. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga heroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenjza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

6. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom

bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli sar recidiv wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, liema sentenza saret recidiva u ma tistax tinbidel.

Rat ukoll illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat illi l-Avukat Generali, maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, baghat il-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta (folio 373).

Rat il-provi kollha migjuba, u semghet it-trattazzjonijiet.

Tghaddi ghalhekk il-Qorti biex taghmel fil-ewwel lok succinct ta’ dak kollu migjub quddiemha u minnha mismugh, biex tara jekk il-Prosekuzzjoni waslitx biex tipprova l-kaz taghha.

Xehdu ghalhekk il-pulizija li kienu nvoluti fit-tfittxija li saret gewwa d-dar tal-imputat u fuq persuni li hargu mill-istess dar.

PS 1086 xehed illi wara li kienu ghamlu osservazzjoni mad-dar tal-imputat, u anke gew imwaqqfa zewg persuni li fuqhom instabu qartas tal-eroina u iehor kokaina - skont is-suspetti taghhom, kienu rnexxielhom jidhlu god-dar tal-imputat. Hemm sabu lil Christine Spiteri, Jean Mark Cali, u Angele Selvagi (martu). Spjega li l-imputat kien mixhut fuq is-sodda minn fejn gew migbura zewg bicciet raza suspettati cannabis, envelope li kien fih hames boroz suspettati haxixa, envelope b’borza kontenenti aktarx haxixa, envelope b’borza bi trab abjad suspettat kokaina, u borza ohra wkoll kontenenti aktarx kokaina. Instabu wkoll fliexken tal-ilma bl-straws go fihom maghmula forma ta’ pipi, mizien elettroniku, xi foil mahruq u mgharef bi tracci mahruqin. Zied illi minn gewwa s-salott wara s-sufan instabet borza bi tracci bojod, u xi foil iehor mahruq. Xehed illi madwar id-dar kollha nstabu fliexken tal-ilma li

kienu jintuzaw bhala pipi, u gew migbura wkoll ghadd ta' telephones cellulari.

PS 1086 Johann Micallef xehed ukoll dwar ezebit JF 4 li kien qartas li hu sab fuq i-persuna ta' certu Clifford Bonnici, meta dan gie mwaqqaf wara li kien gie osservat diehel u hiereg mir-residenza ta' Joseph Spiteri maghruf bhala l-Bambocc, cioe' l-imputat. Qal illi fuq il-persuna ta' dan, hu flimkien ma' PC 10 kienu sabu pakkett Marlboro u li dan fih kellu qartas tal-karti fil-plastic go fih.

PS 1184 Patrick Grech xehed illi hu kien nominat bhala Scene of the Crime Officer fis-sejba ta' allegata droga u affarijiet maghha konnessi, mill-fond gia' hawn fuq imsemmi - 29, Flat 20, Triq il-Qrenpuc, San Gwann. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li anke tikkontjeni 38 ritratt bil-kulur, Dok PG.

PS 74 Mark Chetcuti wkoll ikkonferma l-istess relazzjoni, in vista' li kellu l-inkarigu li jeleva l-oggetti misjuba.

PC 599 Clive Mangion xehed illi darba, hdejn ir-residenza tal-imputat, ra lill-istess fil-bieb tal-komun tal-flats. Qal illi hawn kien gie persuna b'Suzuki Swift bajda bl-ewwel tliet ittri FBT, nizel minn gol-vettura u mar hdejn Joseph Spiteri, tah xi haga u dan rega' rikeb gol-vettura u telaq. Ftit wara, xehed illi ra lil persuna ta' Ludwig Cuschieri jistenna hdejn il-bieb tal-imputat. L-imputat fetahlu l-bieb, u dan dahal gewwa. Ftit wara mill-istess residenza hareg certu Clifford Bonnici li rikeb go Smart sewda u telaq. Gie wara hames minuti u rega' dahal. Dawn in-nies gew arrestati.

WPC 127 Carmen Gauci xehdet illi waqt it-tfittxija fir-residenza ta' Joseph Spiteri, minn gos-salott u kamra li tmiss mieghu, sabet diversi bicciet ta' foil mahruq, fis-salott diversi pipi, zewg bicciet pipi u borza tal-plastic trasparenti bi tracci ta' trab abjad wara s-sufan.

Minn naha tieghu PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed illi waqt osservazzjoni fuq l-imputat raw karozza Smart li giet imwaqqfa Birkirkara. Minn go fiha gie arrestat certu

Clifford Bonnici li kellu pakkett tas-sigaretti Marlboro – fih fil-genb kellu qartas suspettat bl-eroina. Qal illi ftit wara ghamlu raid fir-residenza fejn ix-xhud ghamel tfittxija fuq certu Jean Mark Cali. Fuqu sablu qartas tal-karti u kellu wkoll diversi siringi fil-basket tieghu.

Muri d-dokumenti JJF1 u JJF2, qal illi dawn hu kien elevahom minghand Jean Mark Cali, fir-residenza ta' Joseph Spiteri.

Xehed ukoll f'dan ir-rigward Anthony (recte) Ludwig Cuschieri. Dan kien ghazel illi jikkonferma l-istqarrija li hu kien irrilaxxa lill-pulizija quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Ammetta li kien jiehu d-droga eroina, liema droga qal illi kien jixtri minghand Joe il-Bambocc li kien joqghod gewwa San Gwann. Zied illi lilu l-pulizija kienu arrestawh zewg kantunieri 'l boghod mid-dar tal-Bambocc. Qal illi hu xtara minghand il-Bambocc dawn l-ahhar tlitt xhur, illi kien imur ghandu darba kuljum, li kien jixtri pakkett li kien jiswa €20. Ghalhekk qal illi ghal dawn l-ahhar tlitt xhur kien xtara pakkett kuljum ghal €20 minghand dan il-Bambocc. Qal ukoll illi l-ahhar sitt xhur kien anke jpejjep il-haxixa. Ikkonferma li hu xtara din id-droga minghand il-Bambocc.

Qal ukoll illi dakinhar tal-arrest god-dar tal-Bambocc kien hemm il-mara tal-imputat Angie, u mara u guvni ohra. Ikkonferma li ghalkemm kien jixtri l-eroina kuljum, huwa ghall-ewwel darba xtara minghandu kokaina. Tul il-hin li dam ghand il-Bambocc – siegha u nofs, kien qieghed jahraq pakkett eroina. Dwar il-pakkett misjub fuqu meta gie arrestat, qal illi dan kien xtrah minghand il-Bambocc. Qal illi fil-kors ta' dan kollu, il-Bambocc kien qieghed jilghab il-Play Station.

Dwar il-kokaina li giet misjuba fuqu, barra li qal illi din kien xtraha minghand il-Bambocc, zied illi din kien xtraha versu l-prezz ta' €30. Qal illi biex jixtri minghand il-Bambocc dan kien jibaghtlu messagg fuq il-mobile.

Ludwig Cuschieri rega' xehed in kontro ezami, u qal illi l-imputat kien ilu jafu ghal ftit xhur. Ikkonferma li kien jiltaqa' mieghu kuljum – dan biex minghandu jixtri d-droga.

Ikkonferma li tad-droga kien ihallas; kif ukoll illi dakinhar tal-arrest fuqu l-pulizija sabulu d-droga li kien ghadu kif jixtri dakinhar stess. Irrepeta li l-imputat kien jghix gewwa San Gwann mal-mara tieghu.

Minn naha tieghu Jean Mark Cali, ukoll imwaqqaf mill-pulizija kif hawn fuq gia' premess, ghazel illi ma jixhidx stante proceduri kriminali pendenti.

Xehed ukoll certu Clifford Bonnici dwar il-fatt illi anke hu kien jixtri d-droga minghand l-imputat. Kien skondtu jmur ghandu ghalhekk, biex allura jixtri, jabbuza mid-droga u biex jilghab bil-Play Station.

Ikkonferma li kienu jghidulu l-Bambocc. Qal illi minghand Spiteri, ghalkemm mar darbtejn, darba biss kien xtara eroina. Ikkonferma li l-pulizija kienu segwewh mir-residenza tal-imputat sad-dar tieghu gewwa Birkirkara, u sabulu pakkett eroina li kien gab minghand l-imputat. Qal illi ta' dan il-pakkett kien hallas €40.

In kontro ezami xehed illi kien jaf lill-imputat minn San Gwann, joqghod vicin hafna mill-knisja. Qal illi meta kien imur ghandu, martu (mart l-imputat), mhux dejjem kien jaraha hemmhekk, pero ghalih anke hi kienet tghix fil-post.

Xehed ukoll dwar din it-tfittxija l-Ispettur Johann Fenech. Qal illi wara li gie arrestat is-Sur Spiteri fuq dak hawn fuq premess, kien hadlu stqarrija li hu pprezenta bhala Dok JS folio 44. Fiha, kif kien drittu, ghazel illi ma jwiegeb ghal xejn. Prezenta wkoll sentenza ghall-fini tar-recidiva, folio 121 Dok JF3. Prezenta wkoll pakkett Marlboro ahmar li fih kien hemm qartas li kien instab wara search li saret fuq Clifford Bonnici, Dok JF4.

In kontro ezami xehed illi l-fond fejn instabet id-droga, parti minnha kien fil-kamra tas-sodda. Ikkonferma li meta gie arrestat Spiteri, fuq il-persuna tieghu la nstabet droga u lanqas flus, stante li s-somma ta' €1,000 misjuba kienet ta' mart l-imputat.

Xehed anke s-Supritendent Neil Harrison – dan dwar is-sentenza ezebita mill-Ispettur Johann Fenech. Gharaf lill-imputat bhala l-istess Joseph Spiteri msemmi fl-istess gudizzju.

Minn naha tieghu, l-Ispettur Dennis Theuma xehed illi hu kien gie nfurmat mill-Iskwadra tal-Mobile li wara car chase, l-imputat li kien qieghed isuq vettura bir-registration number FBU394, mudell Renault Megan, kien rema xi affarijiet suspettati droga. Anke hu kien kellem lil Spiteri fuq dan.

Issa fl-istqarrija ezebita bhala Dok DT folio 198 mill-Ispettur Dennis Theuma, Spiteri jghid illi hu saq meta ppruvaw iwaqqfuh tal-Mobile ghax beza'. Ammetta li t-trab abjad li nstab goc-choker kien kokaina, anke li kellu l-vizzju tad-droga.

Ammetta wkoll illi l-affarijiet misjuba mill-membri tal-Iskwadra tad-Droga fl-art hdejn il-vettura tieghu, cioe' qisha pipa tal-foil, zewg qratas wiehed tal-karti u l-iehor tal-foil li kien fihom trab kannella u naqra trab abjad imgezwer go bicca foil ohra, dawn kollha kien remiehom ghax beza' mill-pulizija.

Ammetta li kellu l-vizzju kemm tad-droga eroina kif ukoll kokaina.

Innega li l-qratas kienu ghal terzi, anzi qal illi fil-karozza kellu wkoll mgharfa u foil biex juzaha (d-droga) hu. Ghall-statement assista PC 1250 li kkonferma l-volontarjeta' u kien xhud tal-istess.

Dwar dan xehed ukoll PC 1183 Oliver Borg. Xehed illi fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Theuma, marru Haz-Zabbar u fuq il-post flimkien mal-pulizija tal-Mobile ra Renault Megan u l-imputat hemm imwaqqaf. Xehed illi hdejn il-vettura nstabu diversi affarijiet bhal sikkina, burner zghir, foil - bicca minnu kienet tikkontjeni kokaina (fuq suspett), u zewg SIM cards. Zied illi f'pendant li kien liebes l-imputat instab ammont zghir ta' kokaina. Qal ukoll illi ftit 'il boghod

mill-vettura msemmija nstabu zewg sachets tal-karti li kien fihom xi tracci ta’ droga, pillola mgezwra u foil imkebba.

Din l-istess tfittxija assista ghaliha PC 599 Clive Mangion li kkonferma l-istess oggetti misjuba kemm gol-vettura u hdejha.

PS 91 Michael Buttigieg ipprezenta minn naha tieghu l-PIRS report dwar dak li gara hdejn il-mina ta’ Hompesch, Dok MB folio 209 – cioe’ t-trovata tad-droga hawn deskritta u c-chase li saret.

PS 1086 Johann Micallef gharaf il-kontenut tar-ritratti ezebiti mis-SOCO Patrick Grech fil-konfront tas-sejba li kienet saret go fond tal-imputat.

Minn naha tieghu PS 1220 Chris Baldacchino xehed dwar is-sachet misjuba fuq Ludwig Cuschieri u dak misjub fuq il-persuna ta’ Jean Mark Cali.

Ghandu jigi hawn rilevat ukoll illi l-Ispettur Theuma ezebixxa dokument 248, cioe’ borza tal-plastic kontenenti affarijiet relatati mad-droga u sachets kontenenti allegatament coke u eroina, Dok DT 248.

Brian Farrugia, in rapprezentanza tat-Transport Malta, xehed dwar vettura registrata fuq l-imputat, u vetturi registrati fuq Clifford Bonnici.

L-espert illum Dr Martin Bajada, ezebixxa in espletazzjoni tal-inkarigu tieghu fl-Ingenere r-relazzjoni tieghu Dok MB, minn fejn jirrizulta video li fih jidhru persuni qed jabbuzaw mid-droga, ritratti ta’ oggetti relatati mad-droga u xejn anaqas minn 1885 SMS. Dan dejjem estratti minn cellulari mehuda minghand l-imputat.

Fil-kors ta’ din l-Istruttorja, l-espert analista Godwin Sammut, inkluz fl-Ingenere, analizza diversi oggetti relatati mad-droga u l-abbuz taghha, elevati mill-fond tal-imputat, mill-vettura tieghu minn mal-art hdejn l-istess, u minn fuq il-persuna ta’ Bonnici u Cuschieri – dan kif gia’

rrizulta mix-xhieda esposta. Saru anke minnu kif gie nominat, mechanical fits u valutazzjoni tad-droga misjuba.

Ghalhekk, fl-ewwel relazzjoni tieghu, ikkonkluda hekk:

*a. Illi fuq swabs mehuda minn fuq il-mizien li hemm fid-dokument 122_08_01 instabu s-sustanzi kokaina u eroina. Dawn is-sustanzi huma kkontrollati bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*b. Illi fuq swabs mehuda minn fuq iz-zewg mgharef u z-zewg pipi li hemm fid-dokument 122_08_02 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkotrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*c. Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 122_08_03 instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 1.46 grammi. Il-purita' tat-trab ta' lewn kannella kien ta' circa 28%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*d. Illi fl-estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 122_08_03 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz total tas-sustanza kien ta' 23.47 grammi u l-purita' kienet ta' circa 11%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*e. Illi fl-estratt mehud mis-sigarett li hemm fid-dokument 122_08_09 instabet is-sustanza Eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*f. Illi fl-estratti mehuda mis-sustanza ta' lewn hadrani li hemm fid-dokument 122_08_03 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta Kannabis. Il-piz total tas-sustanza kien ta' 4.47 grammi u l-purita' kienet ta' circa 10%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-*

*Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*g. Illi fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 122_08_03 instabet is-sustanza kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 6.52 grammi u l-purita' kienet ta' circa 30%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*h. Illi fuq swabs mehuda minn fuq pipa li hemm fid-dokument 122_08_03 u fuq il-mus, l-imgharfa u straw li hemm fid-dokument 122_08_04 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*i. Illi fuq estratti mehuda minn sigarett u fuq swab mehuda minn fuq aluminium foil li hemm fid-dokument 122_08_05 instabet is-sustanza eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*j. Illi fuq swabs mehuda minn fuq il-pipe, u zewg pipi li hemm fid-dokument 122_08_05 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*k. Illi fuq swab mehuda minn fuq il-pipa li hemm fid-dokument 122_08_06 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*l. Illi fuq swab mehuda minn fuq l-straw, sikkina, u lembut li hemm fid-dokument 122_08_07 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*m. Illi fuq il-pipa li hemm fid-dokument 122_08_08 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija*

*kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*n. Illi fuq il-pipa li hemm fid-dokument 122_08_09 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

o. *Illi fuq il-lembut li hemm fid-dokument 122_08_11 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Dan dejjem fil-konfront tas-sejba ta' sustanza suspettata droga fuq l-imputat fil-31 ta' Jannar, 2008 – allura dik misjuba fir-residenza tal-imputat (ara wkoll rapport tal-Ispettur Fenech lill-Magistrat Inkwirenti, folio 27).

Ezebixxa wkoll Godwin Sammut relazzjoni, a folio 98, fejn ta l-valur tad-droga misjuba. Fil-konfront tad-droga eroina, jghid li din kienet €70.08 minimu; u €108.08; fil-konfront tar-raza kannabis €70.41 minimu u €140.82 massimu; fil-konfront tal-kannabis herb €26.82 minimu u €35.76 massimu; fil-konfront ta' kokaina €456.40 minimu u €671.56 massimu.

Godwin Sammut anke ghamel analizi fuq id-dokument JJF u JJF1 (ibid). Jghid hekk:

*a. Illi fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 107_09_01, instabet is-sustanza kokaina. Il-piz total tat-trab kien ta' 0.05grammi, u l-purita' kienet ta' circa 41%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*b. Illi fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 107_09_02, instabet is-sustanza eroina. Il-piz total tat-trab kien ta' 0.11grammi, u l-purita' kienet ta' circa 28%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

c. *Illi fuq il-mechanical fit li saret bejn karta li hemm fid-dokument 107_09_02 (JJF1) u karta li hemm fid-dokument 122_08_12 (KB257/2008) irrizultaw fil-pozittiv.*

Prezenta wkoll relazzjoni fuq l-envelope ezebit mill-Ispettur Dennis Theuma, Dok DT 248, u kkonkluda hekk:

*a. Illi fl-estratt mehud minn straw li hemm fid-dokument 283_09_01 instabet is-sustanza kokaina. Fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 283_09_01, instabet is-sustanza kokaina. Il-piz total tat-trab kien ta' 0.56grammi u l-purita' kienet ta' circa 28%. Din is-sustanza hija kkotrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

b. *Illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 283_09_01, instabet is-sustanza eroina. Il-piz total tas-sustanzi kien ta' 0.21grammi, u l-purita' kienet ta' circa 25%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Saret ukoll mechanical fit mill-istess espert fuq id-dokument JJF4 u pakketti li nstabu ghand Joseph Spiteri. Biex tfakkar il-Qorti, Dok JJF4 gie elevat minghand Clifford Bonnici. Hawn l-istess espert ikkonkluda:

*a. Illi fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 340_08_01, instabet is-sustanza eroina. Il-piz total tas-sustanza kien ta' 0.13grammi u l-purita' kienet ta' circa 15%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*b. Illi ma kinx hemm chemical jew mechanical fits bejn id-dokumenti mmarkati JF4 u KB257/2008.*

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni kif gia' inghad, l-Avukat Generali baghat il-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bhala provi, id-Difiza ressqet il-kontro ezamijiet gia' riprodott.

Ingabet ukoll tixhed in difesa certu Christine Spiteri. Tfakkar il-Qorti li din kienet prezenti fil-fond residenza tal-imputat meta saret ir-raid hemm. Qalet din li f'Marzu tas-sena 2008, l-imputat kien jghix ghand il-mara tieghu gewwa San Gwann, lok tar-raid imsemmi. Ikkonfermat illi fl-istess raid hi kienet prezenti u li fl-istess fond kienet tghix anke l-mara tal-imputat – Angele Selvagi.

Ittellghet tixhed ghalhekk din Angele Selvagi, illum mhux aktar mart l-imputat. Skondtha li z-zwieg taghhom kien gie nnullat.
Xehdet bil-lingwa Ngliza stante n-naxxita taghha. Qalet illi kienet tghix fl-indirizz ta' San Gwann fejn saret ir-raid u li l-istess proprjeta' kienet taghha, kif ukoll illi l-imputat kien mar jghix hemm xi xahrejn qabel l-arrest.

Maghluqa l-provi tad-Difiza, semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi bla ebda dubju ta' xejn, il-Prosekuzzjoni ressqet diversi provi in sostenn tal-akkuzi taghha – cioe' fl-incident li gara tac-chase gewwa Haz Zabbar, u r-raid li saret fir-residenza fejn instab l-imputat flimkien ma' Angele Selvagi, Cali u Bonnici. Senjalament ingabu wkoll zewg xhieda li bla tlaqlieq qalu li kienu xtraw kemm eroina u kokaina minghand l-imputat. Illi ghalhekk din il-Qorti m'ghandhix dubju – ebda, li fil-fatt l-imputat kien qieghed jittraffika z-zewg drogi msemmija, u konsegwentement kien hati kemm ta' traffikar kif ukoll talli kienu dawn fil-pussess tieghu mhux ghall-uzu esklussiv tieghu.

Bla dubju ta' xejn irrizulta wkoll illi kellu fil-pussess tieghu r-raza tal-cannabis kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut.

Giet certament ukoll pruvata r-recidiva fil-konfront tieghu.

Id-Difiza sahhet u ressqet provi li l-fond fejn instab l-imputat ta’ Mensija Road, San Gwann, kien jappartjeni lil martu Angele Selvagi, kif ukoll illi fuqu ma nstabu ebda flus jew droga. Strahet hafna fuq dan il-punt id-Difiza, donnha qisha qed timplika li d-droga hemm misjuba kienet ta’ Selvagi. Donnha wkoll nesiet dak li xehdu Cuschieri u Bonnici, minnhom ikkonfermat in kontro ezami.

Ghalkemm fl-istqarrija minnu rilaxxata lill-Ispettur Dennis Theuma, l-imputat insista li d-droga misjuba kienet ghall-uzu tieghu, u jista’ anke hawn jitwemmen, pero kienu cari l-provi migjuba tat-traffikar mhux biss bix-xhieda ta’ Bonnici u Cuschieri, imma anke minn dak kollu misjub fir-residenza, u jekk jibqa’ xi dubju dak li rrizulta mir-relazzjoni ta’ Dr Martin Bajada.

In vista’ ta’ hekk, din il-Qorti qieghda ssibu hati tal-akkuzi **kollha** kif migjuba kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 8, 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll GN 292.1939;
Rat ukoll l-Ewwel Skeda fir-rigward tad-droba misjuba.

Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali tal-imputat, karatterizzata b’reati konnessi tal-Ligijiet tad-droga. Qieset illi nonostante kemm ghamel snin prigunerija dwar dan, l-imputat baqa’ ma fehem jew tghallem xejn, anzi jirrizulta li mhux talli ghandu l-vizzju hu, imma jkattru f’haddiehor.

Rat ukoll, in vista’ tar-recidiva, l-Artikoli 49, 50, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta’ sitt(6), u ghal multa ta’ €15,000.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lill-imputat biex ihallas is-somma ta’ €2,433.95 bhala spejjez peritali.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga u oggetti relatati lilha ezebiti, KB257.2008, KB156.2009, KA 211.2009, KB295.2008; KB 333.2010.

Tikkomunika din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------